MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Dicembru, 2005

Numru. 1130/2005

Il-Pulizija
Spettur Pierre Micallef Grimaud
vs
Ahmed Abdullah Jakup  Mourad

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-22 ta’ Dicembru 2005 ghall-habta tat-8.00p.m. fil-Furjana attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li jkunu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li

jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq George Spiteri, skond ma iccertifika it-Tabib P. Farrugia M.D. ta' l-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bil-lel, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat iwiegeb hati, taghtu zmien xieraq sabiex jerga jahsibha u spjegatlu l-konsegwenzi ta' tali ammissjoni. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejjhet il-kawza l-imputat baqa' jinsisti li ried jirregistra ammisjoni ghall-akkuzi kollha hlief ghall-ewwel wahda, li giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

Ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 95, 221 (1) u 383, 338 (m) tal-Kap. 9 filwaqt illi tiddikjarah <u>hati</u> tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi, rat ukoll l-Artikolu 2 tal-Kap. 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' LM 100 ghal tnax il-xahar millum milli jersaq lejn il-Fontana Bar, City Gate, Floriana.

Il-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hati bil-konsegwenzi ta' din is-sentenza skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------